hekk jisma' l-bieb ta' barra jinfetaħ u leħen missieru u ommu jitħaddtu. Il-bieb tal-kamra tiegħu nfetaħ ukoll u daħlet fejnu ommu bl-imnara f'idha, u missieru warajha.

Jan qam mill-art u ġera u għannaqha. "Ja ommi," qalilha, "ġiet hawn il-Madonna u ġiebet magħha lil Ġesù Bambin u qaltli niżfen quddiemhom. Żfint u Hi fejjqitni. Ara kif tas sew!"

U kif qal hekk, qalibha xi darbtejn jew tlieta.

"Niżżik ħajr, Ġesù Bambin! Niżżik ħajr, ħelwa Madonna!" għajtet ommu. "Issa nafu li smajt talbna ta' bil-ħaqq!"

*Patri Ubertinu Berti, O.F.M.*

(Mill-ktieb: "Geschichten von Unserer Lieben Frau" ta' **Goswin Peter** Grath. Ed. Herder, 1954).

---

## TIFKIRIET TA'

# SAN PAWL U SAN BARNABA F'ĊIPRU

Fl-Atti ta' l-Appostli (XII, 5 u 1-bqija), miktub li fil-bidu ta' l-ewwel safra ta' San Pawl, hu u San Barnaba, niżlu l-art f'Salamina, Ċipru, u qagħdu jduru mal-gżira. U meta waslu f' belt jisimha Pafos, qalbu għad-Din Nisrani lil Prokonslu ta' hemm Serġu Pawlu, wara li kixfu l-qerq tal-profeta giddieb Bar-Jesu. Fil-bidu tat-tieni safra, San Barnaba, biex ma jinfiridx minn Ġanni-Marku, infired minn San Pawl u baqa' f'Ċipru (XV, 39) u milli jidher miet f'dik il-gżira. Billi f'Ċipru baqgħu dejjem l-Insara, baqgħu wkoll jissemmew it-tifkiriet ta' dawn iż-żewġ qaddisin.

Fil-belt ta' Pafos, li fi żmien San Pawl kienet fl-aqwa tagħha u kien igħammar fiha l-Prokonslu Ruman, illum tinsab ħerba waħda. Meta tasal fi Ktima belt ġdida u nadifa, iddur lejn il-baħar, jigifieri lejn il-Qibla, u hemm maż-żewġ naħat tat-triq tara l-ħerba ta' Pafos. Fuq ix-xatt tara borġ, mibni mit-Torok fis-sena 1592, u 'l ġewwa minnu ftit ġrieni; ħdejhom hemm knisja Griega jgħidulha Krissopolitissa, u qrib tagħha tinsab il-kolonna ta' San Pawl.

Din il-kolonna hi waħda minn għadd ta' kolonni oħra li għadhom weqfin, li kienu jagħmlu mit-Tempju ta' Venus, u hi magħluqa ġewwa serbut ħadid. Igħidu li magħha rabtu lil San Pawl u tawh 39 daqqa ta' sawt. Billi l-kolonna qegħda ġewwa l-ħadid, ħadd ma jista' jersaq lejha, u hekk u la l-Insara ma jistgħu jaqtgħu frak minnha biex jeħduhom bħala ħaġa għażiża, anqas il-Misilmin ma jistgħu, biex jinku lill-Insara jagħmlu fiha xi għajb. Għal kemm dil-kolonna msemmija fil-kotba ta' daż-żmien, bħal ma hi fil-ktieb ta' K. Kexixjan: "Romantic Cyprus" (faċċata 54. Mitbugħ f'Nikosija fis-sena 1945), it-tifkira ta' San Pawl ma' din il-kolonna ftit hi qadima, għax ebda żawwar tal-qedem ma jsemmiha. Wieħed Taljan jismu Mariti, li żar lil Pafos fis-sena 1667, ma jsemmihiex, għad li kiteb ktieb fuq iż-żjara tiegħu lil Ċipru ("Viaggi per l'Isola di Cipro" mitbugħ Livorno, 1669). Imma f'Pafos hemm tifkra ta' San Pawl qadima sewwa: it-tifkira tal-għar fejn jingħad li staħba meta kienu jfittxuh għal mewt.

Kittieb ieħor li ma weriex ismu, fis-sena 1480 żar Ċipru u ra l-Knisja tal-Franġiskani f'Pafos u ma' ġenbha xi egħrien u fosthom wieħed li kienu jgħidu li fih San Pawl staħba. (Ara l-ktieb "Le Voyage de la Saincte Cyte du Hie-

rusalem'', Pariġi, 1882, faċċata 108). Fis-sena 1598, dil-knisja kienet imgarrfa u ma kienx baqa' minnha wieqaf għajr biċċa mis-saqaf tal-kor,nofsu mgħotti bir-radam. In-nies kienu bdew igħidu li San Pawl u miegħu San Barnaba kienu marru staħbew taħt dik il-biċċa saqaf qadim. Dan igħidu Giovanni Cotovicio, fi ktieb li kiteb ftit wara (''Itinerarium Hierosolimitanum'', Antuerpiae, 1619) fejn fisser kif kienet dak iż-żmien il-Gżira ta' Ċipru. Kien hemm min ħaseb li l-knisja Griega tallum hija l-knisja tal-Franġiskani l-qadima, mikxufa u msewwija (Enlart: ''L-Art Gothique de la Renaissance en Chypre'', Pariġi 1899, f. 470), imma l-kittieba l-qodma jsemmu knisja mħaffra fil-blat, m'hux f'wiċċ l-art, bħal dik ta' issa. Kien jaqbel li kieku titfittex dik il-kn'sja u l-għar ta' San Pawl li kien magħha.

Il-qaddis, San Barnaba kellu wkoll tifkira tiegħu kolonna li kien jingħad li rabtuh u ħarquh magħha. Imma b'qima lilu dil-kolonna ħaduha u għamlu minnha artal fil-knisja ta' San Duminku ta' Famagusta (Enlart, f. 718), għal hekk dil-kolonna issa ma tidhirx. Imma ta' dan il-qaddis għadu jidher il-qabar.

Meta minn Famagusta tkun sejjer Salamina, qabel ma tidħol 'il ġewwa fil-masġar tal-prinjoli, fuq ix-xellug tara triq, li f'għaxar minuti b'karrozza tan-nar twasslek f'naħa jgħidulha ta' San Barnaba. Din-naħa tidher mill-bgħid, għax hemm qatgħa siġar f'nofs ta' wetgħa mgħarwna. Meta tasal qrib tilmaħ żewġ biċċiet bini ftit bgħid minn xulxin. L-ewwel binja hi bħal dar nofs moħbija qalb is-siġar, bil-ħitan mibnija ta' kafkaf u s-saqaf mixquq. Hemm donnu bir li tinżel fih minn taraġ in-naħa tal-Qibla jew Sud u fuqu kamra żgħira f'wiċċ l-art. Il-bir jingħad li hu l-qabar ta' San Barnaba, u l-kamra ta' fuqu hi r-**retro-sanctus,** jew kappella Ma fihom xejn tal-għaġeb, imma l-kappella qadima sewwa u aktarx li dik hi li kiteb fuqha Fra Niccolo di Poggibonsi fis-sena 1349, li semma li kienet kappella żgħira mibnija fuq l-imkien fejn kien jingħad li qatgħu ras San Barnaba l-Appostlu. (''Libro d'Oltremare'', maħruġ Ġerusalem minn fuq il-qadim fis-sena 1945, f. 150). Mariti, dak li semmejna fuq, ukoll ismmiha u jgħid li kienet qegħda tiġġarraf (f. 164). Kittieb ieħor, Racchetta Aquilante, isemmi wkoll il-għamla għariba tal-qabar ta' San Barnaba, u jgħid li dal-qaddis kien midfun ġewwa bir. (''Peregrinazione di Terra Santa'', 1630, f.39).

Minn hemm tqarrab lejn id-Dejr,imgħotti bis-siġar għoljin li jilqgħulu s-sirġa tax-xemx. Qrib bieb id-Dejr tara fdalijiet qodma mikxufa minn wieħed Grieg, G.A. Soteriou,, li fisser fuqhom u ġieb ir-ritratt tagħhom fi ktieb li kiteb: ''Ta Bizantina Mnemija Tes Kyprou'' (Atene, 1935, ff. 17, 18, u 161). Hemm tidher kappella żgħira li fl-apside tagħha jinsab artal bil-mejda tiegħu wieqfa fuq biċċa qolonna mibruma u oħra iżgħar minnha, li jidhru li huma qodma sewwa. Hemm ukoll irjus ta' kolonni tal-għamla ta' Korintu, bil-weraq jew bla mnaqqax jew imnaqqax ftit, u fdal ta' kitba bil-Grieg li fiha jinqara sewwa l-isem Pauloy (ta' Pawlu). Il-qiegħa ta' l-art imballta bir-rħam imżewwaq. Xej ma hi ħaġa kbira biex dil-kappella kienet mibnija b' tifkira tas-sejbien tal-ġisem ta' San Barnaba li ġara fis-sena 488. Jingħad li meta sabu l-ġisem tal-qaddis, miegħu kien hemm kopja tal-Evanġelju ta' San Mattew, li billi nħaseb li kien kitibha huwa b'idejh, bagħtuha bħala hedija lill-Imperatur Zeno.

Minn hemm tisma' jidwi fl-arja għana ta' rġiel u tfal, ilħna ħoxnin u rqajqa. Tidħol fid-Dejr u ssib li dawk l-il-

ħna huma tar-Rħieb Griegi u l-itfal tar-raħal, li qegħdin jitħejjew għall-għasar ta' fil-għaxija. Dawna jilqgħuk bil-ferħa, iduru bik mill-aħjar li jistgħu, u juruk kif jaħdmu x-xbiehat tal-qaddisin li jinbagħtu ma' Ċipru kollha. Ix-xbiehat li jaħdmu dawna, ikunu qishom kollha titnijiet jew kopji ta' xbiehat qodma fost dawk li jkunu maħdumin bis-sengħa u jnisslu qima. Mid-Dejr tidħol il-knisja fejn tara għadd kbir ta' xbiehat, uħud minnhom jidhru li huma qodma għall-aħħar. Minn hemm toħrog fil-bitħa, li hi mdawra bil-ħnejjiet u tħares lejn il-knisja, minn barra, u tara l-koppla mkaħħla, fuq tabar għoli, minfud minn twieqi dojoq u tawwalija. Il-ħamiem jittajjar fuq il-koppla u l-kanpnar, li bit-taħrik tiegħu jagħti lil din id-dehra ftit tal-ħajja.

Titlaq minn hemm, minn triq ftit imħarbta, bil-ħsieb ta' San Pawl u San Barnaba quddiem għajnejk. Tassew li t-tifkiriet tagħhom kien jistħoqqilhom li jkunu aktar meqjuma f'Ċipru, għax bis-saħħa tagħhom dik il-gżira ħadet ħajja oħra, imma hu kif inhu, meta tqis ħaġa ma' ħaġa, tifhem li saħansitra tifkiriet ħfief, kif inhuma issa, għandhom ukoll is-siwi tagħhom.

*B. Bellarminu Bagatti, O.F.M.*

---

# AĦBARIJIET TAL-ART IMQADDSA

**Il-Bażilka ta' Nazaret** — Kif ħabbarna aktar minn darba f'dan il-Qari, il-knisja żgħira li kien hemm f'Nazaret fuq id-Dar Imqaddsa tal-Madonna, mibnija bil-għaġla fi ftit xhur mill-Franġiskani, inħattet, u fi mkienha sejra tinbena Bażilka kbira. Għal dan il-għan kien mibgħut minn Ruma l-Arkitett Giovanni Muzio, wieħed mill-aqwa Inġinjeri ta' l-Italja, dak in-nifsu li ħażżeż il-pjanta u ħadem il-mudell. Ix-xogħol ma jdumx ma jinbeda, u l-Arkitett Muzio qabbad biex jgħinuh ukoll nies imħarrġin fil-għelm u fis-snajja' biex ix-xogħol ikun ta' darba u joħroġ tajjeb minn kull imkien.

**Elf ruħ se jitilqu minn Kana** — Fir-raħal tal-Galilija qrib Nazaret, jismu Kafar Kanna, fejn Kristu biddel l-ilma f'inbid, saret ġlieda kbira bejn żewġ ħamuliet jew razez, il-ħamula ta' Għabbas, u l-ħamula ta' Ħatib. Ix-Xiħ jew sindku tar-raħal, biex ma joqgħodux jagħmlu ħsara lil xulxin, kif inhi d-drawwa tal-Għarab, wissihom li jitilqu minn hemm u jmorru jgħammru fi rħula oħra bgħid minn xulxin. Għal dan issa sejrin ibiegħu r-raba li għandhom qrib Kana u jiġbru mielhom u jitilqu minn hemm.

**Is-safra ta' Melek Husejn** — Ir-re, jew kif jgħidulu huma "Melek" tal-Ġordanja siefer safra ta' xahrejn u issa raġa lura fil-pajjiż. Meta kien l-Amerka stiednu għandu l-Kardinal Spellmna u tah ċekk ta' ħamest elef dollar biex iqassamhom lill-foqra tal-Ġordanja. Meta l-Melek mar Ruma żar żjara lill-Qdusija Tiegħu l-Papa u dam jitħaddet miegħu ħin twil.

**Il-Lhud u l-"Għaqda l-Qadima"** — F'gazzetta msemmija "The Bible Bulletin" issemma li s-sena l-oħra 1958 nbiegħu kotba tal-Bibja fl-ilsna kollha tad-dinja, mill-anqas ħamsa u għoxrin miljun (25,000,000). Għal dan xi kit-